MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 218/1998/1

Kawza fil-lista: 21

**F.Caruana Bros.Co.Ltd.**
**Vs**
**Dolores sive Doris Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi s-socjeta' attrici hija l-proprjetarja ta' ghalqa maghrufa bhala Tal-Baggi gewwa z-Zejtun, tal-kejl superficjali ta' cirka elf tmien mija u tnejn u disghin punt decimali tmienja u wiehed metri kwadri (1892.81 mk) u li tmiss mal-grigal ma proprjeta' ta' Mary Bonnici, mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Emanuel Pace u mix-Xlokk ma' proprjeta tal-familja Spagnol jew l-aventi kawza taghhom

kif jirrizulta mill-kuntratt tat-30 ta' Mejju 1996 in atti Nutar John Cachia Zammit;

Peress illi din l-ghalqa tizbokka fi sqaq, maghruf bhala sqaq Baggi;

Peress illi ghal ferm aktar minn tletin sena, sqaq Baggi kien l-unika hrug ghal triq pubblika li kellhom il-bdiewa li kienu jahdmu fl-istess ghalqa;

Peress illi tul minimu ta' tletin sena dawn il-bdiewa, u l-aventi kawza taghhom, kienu akkwistaw id-dritt li jghaddu minn dan l-isqaq bir-rigel u anke bil-vettura ai termini tal-artikolu 469 (2) tal-Kodici Civili;

Peress illi kien biss wara li dan id-dritt gie akkwistat li s-socjeta' attrici xtrat proprjeta' ohra, f'Awissu tal-1997, li permezz taghha setghet tinfetah it-tieni bokka ghal gewwa t-triq pubblika;
Peress illi l-konvenuta, li tivvanta dritt ta' proprjeta' fuq l-isqaq, kienet ghamlet applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar, applikazzjoni numru 2775/97, biex taghlaq l-isqaq permezz ta' hajt;

Peress illi l-Awtorita' ta' l-Ippjanar laqghet l-istess applikazzjoni;

Peress illi, b'konsegwenza ta' dan, is-socjeta' attrici ghamlet talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, mandat numru 6006/97;

Peress illi l-Qorti, wara li semghet ix-xhieda, laqghet talba u akkordat il-hrug tal-mandat provvizorjament.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta' attrici proprjetarja tal-ghalqa tal-Baggi, Zejtun ghandha dritt ta' passagg bir-rigel u bil-vettura fuq sqaq li tizbokka mill-istess ghalqa, maghrufa bhala Sqaq tal-Baggi gewwa z-Zejtun.

2. Tikkonferma definittivament il-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 6006/97 fl-ismijiet premessi biex b’hekk tinibixxi l-konvenuta milli taghlaq l-isqaq Baggi gewwa z-Zejtun, jew taghmel kwalsiasi hag’ ohra biex tostakola l-passagg bir-rigel u l-vettura minn gewwa fih.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 6006/97 ipprezentat quddiem il-Prim’ Awla Civili fil-5 ta’ Dicembru, 1997 kontra l-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi s-socjeta’ attrici ma ghandhiex dritt ta’ passagg fuq l-isqaq proprjeta’ taghha stante li l-ghalqa ta’ Baggi ghandha access alternattiv minn fuq proprjeta’ tal-istess socjeta’ attrici ghal fuq Triq Luqa Briffa, Zejtun, li hija arterja pincipali. L-eccipjenti fil-fatt diga’ intavolat kawza fl-ismijiet inversi (272/98 NA), u li miexja kontestwalment ma’ dina l-kawza, fejn talbet lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi s-servitu li kienet tezisti fuq l-isqaq proprjeta’ taghha illum ma ghadiex tezisti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku minnu debitament mahlufa;

Rat li din il-kawza instemghet kontestwalment mal-kawza numru 272/98 fl-ismijiet inversi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza titratta l-istess mertu tal-kawza fuq indikata deciza llum.

Permezz ta’ l-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici li xtrat il-fond, originarjament ghalqa maghrufa bhala Ta Baggi,

qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li tikkonferma li d-dritt ta’ passagg mill-isqaq li jghati ghal Sqaq Baggi li jghati ghall-fond taghha, u li dan id-dritt ghadu ezistenti.

F’ dan ir-rigward il-Qorti taghmel ampja referenza ghall-konsiderazzjonijiet fattwali u guridiki maghmula fil-kawza numru 272/98 u taddotta l-konkluzjonijiet hemm raggjunti, b’ mod li dawn ghandhom jifformaw parti integrali mill-gudizzju odjern.

Ghaldaqstant, stante li l-fond de quo m’ ghadux aktar interkjuz peress li ghandu access ghal toroq pubblici, u stante li ma gietx provat li dan id-dritt dam jintuza ghal-perijodu ta’ tletin sena, it-talbiet attrici ma jsibux sostenn la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------